MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 4/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**CARMELO INNORCIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Innorcia ta' 34 sena ta' nazzjonalita' Taljana, bin Santo u Maria nee' Linfa, mwieled il- Germanja, nhar id-29 ta' Dicembru 1972, prezentament jirrisjedi fil- Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal- Karta tal- Identita' Taljana bin- numru AJ 9479539;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizjjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) talli nhar is- 26 ta' Settembru 2007 f' xi hin bejn id- 9.20am u t- 3.10pm, ikkommetta serq minn fond numru 12 Strelitzia, Triq Dun Mikiel Scerri Attard, bil- lok u bil-mezz ghad- detriment ta' Peter Cachia minn Attard u/jew persuni ohra;

2) talli f'San Gwann nhar it- 28 ta' Settembru 2007 ghal habta tal- 11.15am bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill- fond numru 7 ' Flaminia', Triq Sant' Andrija, San Gwann wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil- valur li jeccedi €2329.37, bil- lok u bil- mezz, ghad- detriment ta' Alessandro Booker minn San Gwann u/ jew persuni ohra;

3) akkuzat ukoll talli fl- istess dta, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi €11.65 izda li ma teccediex €116.47 u dan sar ghad- detriment ta' l- imsemmi Alessandro Booker u/jew persuni ohra;

4) u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi senteni moghtija mill- Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-istess ammissjoni tal-imputat, il-Qorti setghet tghaddi minnufih biex taghti s-sentenza fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti rat l-ammissjoni tal-imputat, maghmula fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2009, u fuq talba tad-difiza, halliet il-kawza ghad-19 ta' Frar 2009, ghat-trattazzjoni u s-sentenza. L-intendiment kien li l-imputat kellu jaghmel tentattiv li jirrestitwixxi parti mir-*res furtiva* lil uhud mid-derubati, sabiex din tigi riflessa fil-piena. Il-Qorti, izda, meta rat li llum l-imputat ma gab ebda parti mill-istess *res furtiva* jew somma flus biex ihallas lill-*parte civile* presenti fl-Awla u assistit, ma tara ebda alternattiva ohra hlief li tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-fedina penali tieghu. Dan il-Qorti interpretatu bhala nuqqas da parti tal-imputat biex jipprova jibbenefika minn riduzzjoni ulterjuri fil-piena in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu, u tara ghalhekk li ma jridx jaghmel sforz biex isewwi l-hsara li ghamel lil haddiehor u lilu nnifsu.

L-imputat gie akkuzat b' serqa mid-dar ta' Peter Cachia fis-26 ta' Settembru, 2007, kif ukoll b' attentat ta' serqa u hsara volontarja fuq id-dar ta' Alessandro Booker jumejn wara. Il-Qorti tara li ma hemm ebda attenwant ghall-piena f' dan l-istadju, hlief ghall-ammissjoni bikrija, anzi hemm l-addebitu tar-reat kontinwat u tar-recidiva. Ghalhekk il-Qorti qieghedha tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 269, 41, 325, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah erba' (4) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------